


L-Għaxar Ħadd Matul is-Sena • Sena A • Id-39 Sena (2046) • 8 ta' Ġunju 2008

**Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew** **(Mt. 9, 9-13)**




F'dak iż-żmien, Huwa u għaddej Ġesù ra wieħed bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi; kien jismu Mattew. "Ejja warajja," qallu. Dak qam u mar warajh. U ġara li, kif qagħad għandu għall-mejda, ġew bosta pubblikani u midinbin u qagħdu madwar il-mejda ma' Ġesù u d-dixxipli tiegħu. Rawh il-Fariżej, u qalu lid-dixxipli tiegħu: "Għaliex jiekol mal-pubblikani u l-midinbin l-Imgħallem tagħkom?" Hu semagħhom, u qal: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda. Mela morru tgħallmu x'jiġifieri, 'Ħniena nistenna, u mhux sagrifiċċju »; għax mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin."

**RIFLESSJONI**

- Ġie li sibt ruħi fis-sitwazzjoni ta' Mattew : bogħod mill-imħabba ta' Alla? Indifferenti? Ninnegozja anke d-dinjita' ta' ħuti l-bnedmin?
- Kellek xi esperjenza li Ġesu' għadda minn ħdejk u sejjaħlek bħalma għamel ma' Mattew?
- Tinnota li Ġesu ma' jistħix jersaq lejn il-midinbin u jistedinhom jieklu miegħu, biex jaħfrilhom u jagħtihom il-paċi?
- Ġie li ġġudikajt lil xi ħadd għax biddel ħajtu u resaq lejn Ġesu'?
- Qatt m'għandi nitkaża bil-ħażen ta' ħaddieħor, imma iktar nersaq lejħ biex ngħinu jiskopri l-imħabba ta' Ġesu'.
- Lest li jien nagħmel bħal Mattew, inħalli kollox biex inwieġeb bil-ġenerożita' għas-sejħa li jagħmilli Ġesu'.

# L-AMBJENT: AFDAT F'IDEJK

(fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' l-Ambjent 5 ta' Ġunju)



**X'inhu?** L-ambjent huwa l-qafas fejn aħna lkoll ngħixu, naħdmu jew niddevertu. Jidħlu fid-diskors ta' l-ambjent is-saħħa, il-klima, is-siġar, l-annimali, il-bini, l-arja, il-ilma, l-iskart, it-tinġiż, il-baħar u elf ħaġa oħra. Nitkellmu wkoll mill-ambjent tal-familja, mill-ambjent reliġjuż, mill-ambjent rikreattiv, minn ambjent moralment nadif, eċċ.

Meta l-ambjent ikun għal qalbna b'xi mod nixxenqu għall-**atmosfera tal-Ġenesi** metaAlla ħalaq u ra li kollox kien sew. Dnub li ħafna drabi l-ambjentalisti jinsew li l-ħolq ien irid jurina s-sbuħija, l-oriġinalita', l-imħabba u l-ħajja ta' Alla.

Fid-diskors ta' l-ambjent, il-bniedem jidħol fid-**dilemma** bejn użu u preservazzjoni u bejn tiġdid u konservazzjoni.

**X'jeqirdu?** Jeqred l-ambjent prinċipalment l-egoiżmu tal-bniedem, meta l-bniedem jaħseb biss għalih innifsu qisu qed jgħix waħdu llum bla ma jħabbel rasu mill-oħrajn u mill-ġejjieni.

**Nagħmel dnub?** Naħseb li llum huwa dnub li tkun ħali. Naħseb li llum huwa dnub li tħammeġ. Naħseb li llum huwa dnub ma tinteressax ruħek fl-ambjent u ma tħarsux. Tkun egoist.

***Homework:***

Matul din il-ġimgħa interessa ruħek aktar fl-ambjent, aqra artiklu li għandu x'jaqsam ma' l-ambjent u żomm ambjent nadif madwarek.

*Mons Karm Gauci, Arċipriet Parroċċa tal-Viżitazzjoni, Għarb*

## *Jistgħu jinteressawk*

Is-Sibt 14 ta' Ġunju: Jum id-Donaturi tad-Demm
Il-Ħadd 15 ta' Ġunju: Jum il-Missier.
Il-Ħadd 15 ta' Ġunju: Festa tal-Qalb ta' Ġesu' (Parroċċa Fontana).

*gozopress • 21551534*

## *It-Talba tal-ġimgħa*



*Alla Missier, meta temmejt l-opra tal-ħolqien, int rajt li "kollox kien tajjeb ħafna". Qanqal fina xewqa qaddisa biex napprezzaw is-sbuħija tiegħek fil-ħolqien u nħarsuh għall-ġid tagħna u ta' dawk li għad jiġu warajna.*